MALTA

ATT Nru. XXIV ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

ACT No. XXIV of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Maltese Citizenship Act (Cap. 188).

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

28 ta' Lulju, 1989

ATT Nru. XXIV ta' l-1989

ATT biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188)

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu tal-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 188

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Awissu, 1989.

2. It-"TAQSIM TA' L-ATT" ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' it-Taqsim ta' l-Att fl-Att prinċipali.

(a) Minflok it-Taqsima II tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Taqsima II Ċittadinanza b'Naturalizzazzjoni 3-7";

(b) minflok il-kliem:

"SKEDI

L-Ewwel Skeda
It-Tieni Skeda"

għandhom jidħlu l-kliem:

"SKEDA:

Ġurament ta' Lealtà.".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira ta' "il-Commonwealth" għandha titħassar;

(b) minflok it-tifsira ta' "frustier" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "frustier" tfisser persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta;";

(ċ) minflok it-tifsira ta' "pajjiż stanġier" għandha tidħol din it-tifsira ġdida:

" "pajjiż stranġier" tfisser pajjiż ieħor li ma jkunx Malta;";

(d) it-tifsira ta' "persuna protetta Ingliża" għandha titħassar; u

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "preskritt" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "apolidi" tfisser priv minn kull nazzjonalità u "persuna apolidi" għandha tiftiehem skond ħekk.".

Sostituzzjoni tat-Taqsima II ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok it-Taqsima II ta' l-Att Prinċipali għandha tidħol din it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA II

Ċittadinanza b'Naturalizzazzjoni

Naturalizzazzjoni ta' frustieri jew persuni apolidi.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, frustier jew persuna apolidi li jkun persuna ta' l-età u ta' kapaċità sħiħa, meta jagħmel applikazzjoni għal ħekk lill-Ministru bil-mod preskritt, jista' jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta jekk jissodisfa lill-Ministru —

(a) li jkun irrisjeda f'Malta matul il-perjodu ta' tnax-il xahar minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni; u

(b) li, matul is-sitt snin minnufih qabel l-imsemmi perjodu ta' tnax-il xahar, ikun irrisjeda f'Malta għal perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn erba' snin; u

(ċ) li jkun jaf biżżejjed l-ilsien Malti jew l-ilsien Ingliż; u

(d) li jkun ta' kondotta tajba; u

(e) li jkun ċittadin tajjeb ta' Malta:

Iżda l-Ministru jista', jekk ikun jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' xi każ partikulari, jippermetti illi perjodi ta' residenza li jkunu okkorrew iktar qabel is-sitt snin li jiġu minnufih qabel id-data ta' l-applikazzjoni jitqiesu fil-kalkolu tas-snin kollha msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull persuna ta' l-eta' u ta' kapaċità sħiħa mwielda barra minn Malta tista', meta tagħmel applikazzjoni għal ħekk lill-Ministru bil-mod preskritt, tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadini ta' Malta —

(a) jekk missierha, jew fil-każ ta' persuna imwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, jekk xi wieħed mill-ġenituri tagħha, ikun sar, jew kieku ma mietx kien isir, ċittadin ta' Malta bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 tal-Kostituzzjoni, jew

(b) jekk missierha, jew fil-każ ta' persuna imwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, jekk xi wieħed mill-ġenituri tagħha, fil-ħin tat-twelid ta' dik il-persuna, kien, jew kieku ma mietx kien ikun, ċittadin ta' Malta bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tal-Kostituzzjoni.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull persuna ta' l-eta' u ta' kapaċità sħiħa li —

(a) tkun emigrat minn Malta (sew qabel, fi jew wara l-21 ta' Settembru, 1964) u, billi kienet ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 22(1) jew 25(1) tal-Kostituzzjoni, temmet milli tkun ċittadin bħal dak; jew

(b) emigrat minn Malta qabel il-21 ta' Settembru, 1964 u kieku ma kienx għax temmet milli tkun ċittadin tar-Renju Unit u Kolonji qabel dik il-ġurnata, kienet issir ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 22(1) tal-Kostituzzjoni,

tista', wara li tagħmel applikazzjoni għal ħekk lill-Ministru bil-mod preskritt, tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull minn ikollu l-eta' u l-kapaċità meħtieġa li jipprova li huwa dixxendent ta' persuna imwielda Malta u li jkun ċittadin ta' pajjiż li ma jkunx il-pajjiż li jkun jirrisjedi fih, u li jkollu l-aċċess tiegħu għall-pajjiż li

tiegħu hu ċittadin ristrett, jista' wara li jagħmel it-talba tiegħu għaldaqstant lill-Ministru bil-mod preskritt, jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadini ta' Malta:

Iżda dik il-persuna ma jkollhiex jedd li tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza lil dik il-persuna jmur kontra l-interess pubbliku.

(5) Persuna ma tingħatax ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta skond is-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jekk u sakemm ma tkunx għamlet dikjarazzjoni bil-miktub fil-formula preskritta dwar il-volontà tagħha li tirrinunzja kull nazzjonalità jew ċittadinanza oħra li jista' jkollha u ma tkunx ħadet il-ġurament ta' lealtà fil-formula speċifikata fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (8) ta' dan l-artikolu persuna jkollha dritt, wara li tagħmel applikazzjoni lill-Ministru bil-mod preskritt, li tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta jekk tissodisfa lill-Ministru li hija u dejjem kienet apolidi, u —

(a) li twieldet Malta, jew

(b) li missierha kien ċittadin ta' Malta fid-data tat-twelid tagħha bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 25 tal-Kostituzzjoni jew li ommha kienet f'dik id-data ċittadin ta' Malta.

(7) Persuna msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu ma jkollhiex dritt tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jekk il-Ministru jkun sodisfatt —

(a) li ma kenitx ordinarjament residenti f'Malta matul il-perjodu ta' ħames snin li jintemmu mad-data ta' l-applikazzjoni; jew

(b) li jew kienet misjuba ħatja f'xi pajjiż ta' reat kontra s-sigurtà ta' l-Istat jew kienet kundannata f'xi pajjiż għal piena restrittiva tal-libertà personali għal żmien ta' mhux anqas minn ħames snin.

(8) Persuna msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu ma jkollhiex dritt tingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jekk il-Ministru jkun sodisfatt —

(a) li ma kenitx ordinarjament residenti f'Malta

matul il-perjodu ta' tliet snin li jintemmu mad-data ta' l-applikazzjoni tagħha; jew

(b) li kienet misjuba ħatja f'xi pajjiż ta' reat kontra s-sigurtà ta' l-Istat.

Minuri.

4. (1) Il-Ministru jista' jagħmel b'mod li tifel jew tifla minuri ta' xi ċittadin ta' Malta jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta wara applikazzjoni magħmula bil-mod preskritt mill-persuna li skond il-liġi jkollha awtorità fuqu.

(2) Il-Ministru jista', f'dawk iċ-ċirkostanzi speċjali li jidhirlu xieraq, jagħmel b'mod li xi minuri jingħata ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta.

Effett ta' reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni bħala ċittadin.

5. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, persuna reġistrata bħala ċittadin ta' Malta skond l-artikolu 23, 24 jew 26 tal-Kostituzzjoni jew li tkun ingħatat ċertifikat ta' naturalizzazzjoni taħt dan l-Att issir ċittadin ta' Malta b'reġistrazzjoni jew b'naturalizzazzjoni, skond kif ikun il-każ, fid-data li fiha tiġi reġistrata jew naturalizzata.

(2) Jekk persuna ta' l-età li tkun ingħatat ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta skond dan l-Att barra mis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 3 tiegħu ma tipproduċix lil dak l-uffiċjal li l-Ministru jista' jinnomina għal hekk, għeluq tliet xhur minn meta tkun ħekk ingħatat ċertifikat ta' naturalizzazzjoni jew għeluq dak il-perjodu l-ieħor li l-Ministru jew dak l-uffiċjal jista' jippermetti, prova biżżejjed biex tissodisfa lil dak l-uffiċjal li hija rrinunzjat kull nazzjonalità jew ċittadinanza oħra li seta' kellha, iċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni ta' dik il-persuna bħala ċittadin ta' Malta tiġi mħassra u titqies li qatt ma kienet ħekk naturalizzata.

Għoti lura ta' ċittadinanza.

6. Meta persuna ttemm jew tkun temmet milli tkun ċittadin ta' Malta minħabba li r-rinunzja tagħha taċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor, għalkemm tkun saret fiż-żmien stabbilit mil-liġi, ma kenitx magħmula b'mod validu skond il-liġi tal-pajjiż li tiegħu hi tkun irrinunzjat iċ-ċittadinanza, u l-Ministru jkun sodisfatt li dik ir-rinunzja tkun saret f'ċirkostanzi li fihom l-imsemmija persuna kienet ġustifikata li taħseb li saret b'mod validu, il-Ministru għandu, fuq applikazzjoni ta' l-istess persuna, jagħtiha ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta b'effett mid-data li fiha hi temmet li tkun ċittadin tali għar-raġuni hawn fuq imsemmija.".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

5. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Jekk xi ċittadin ta' Malta ta' l-età u ta' kapaċità sħiħa li jkun ukoll nazzjonali ta' pajjiż stranġier, jagħmel dikjarazzjoni bil-mod preskritt ta' rinunzja taċ-ċittadinanza ta' Malta, il-Ministru jista' jordna li d-dikjarazzjoni tiġi reġistrata; u mar-reġistrazzjoni dik il-persuna għandha ttemm milli tkun ċittadin ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

6. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (3) tiegħu, u minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) F'dan l-Att —

(a) kull riferenza għall-missier ta' persuna għandha, dwar persuna mwielda barra miż-żwieġ u mhux leġittimata, tiftiehem bħala riferenza għall-omm ta' dik il-persuna;

(b) kull riferenza għall-missier ta' persuna li tkun ġiet adottata legalment qabel l-1 ta' Jannar, 1977, għandha tiftiehem bħala riferenza għall-adottant u fil-każ ta' adozzjoni minn żewġ persuni flimkien, għall-adottant raġel; u

(ċ) kull riferenza għall-ġenituri ta' persuna li tkun ġiet adottata legalment fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, u li kienet fil-ġurnata effettiva ta' l-adozzjoni tagħha taħt l-età ta' għaxar snin, għandha tiftiehem bħala riferenza għall-adottanti.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att:

(a) l-adozzjoni ta' xi persuna li ssir fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1977, u qabel l-1 ta' Awissu, 1989, ma għandhiex ikollha effett u għandha titqies daqslikieku ma saritx; u

(b) l-adozzjoni ta' xi persuna li ssir fi jew wara l-1 ta' Awissu, 1989, li fil-ġurnata effettiva ta' l-adozzjoni tagħha kellha għaxar snin jew iktar, ma għandhiex ikollha effett u għandha titqies daqslikieku ma saritx.".

7. Minflok l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali

"SKEDA

Ġurament ta' Lealtà

(Artikoli 3 u 5)

Jiena, solennement naħlef/niddikjara li nkun verament fidil u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u lejn il-Kostituzzjoni tagħha. (Hekk Alla jgħinni).".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 272 ta' l-20 ta' Lulju, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati